# 1. Ħarġa

"Sandy!" sejħet Samantha hi u nieżla tiġri t-taraġ. "Ejja ħalli llibbislek iċ-ċinga." Sandy ħarġet minn taħt il-mejda, fejn kienet mixħuta għal żaqqha fuq il-madum frisk tal-kamra tal-ikel, u bdiet tferfer denbha.

Kienet kelba żgħira, tar-razza Pomeranian. Kellha l-pil lixx u jleqq qisu ħarir, lewn it-te bil-ħalib, u denb kbir u folt, ta' lewn abjad nadif, milwi

għal fuq daharha. Meta Sandy tferfer denbha kien ikun qisu troffa sħab maqbuda f'żiffa riħ. Imma Sandy ma kinetx tferfer denbha biex tiddandan bih, bħalma jagħmel il-pagun. Kienet tferfru għax tkun eċitata. U dak il-ħin, għall-ħabta tal-erbgħa ta' waranofsinhar, kienet eċitata għax kien sar il-ħin għall-ħarġa ta' nhar ta' Ħadd mal-familja kollha. Samantha ħarġet ċinga ħamra tan-nylon mill-kexxun tal-mejda tal-ikel u hemżitha ma' ħolqa fil-kullar tal-kelba. Imbagħad ħarġet biha barra, fuq l-għatba, tistenna lill-ġenituri u



lil ħuha Ronnie, biex jitilqu għal dik il-ħarġa tant mistennija. Ir-rebbiegħa kienet fl-aqwa tagħha u l-ħarġa ta' dakinhar kienet ippjanata għal Kennedy Grove.

Samantha kellha tmien snin u Ronnie kważi għaxra. Għalkemm aħwa, xejn ma kienu jixtiebhu fil-karattru. Samantha ta' natural kwiet, tħobb taqra u tistudja u tagħmel kollox bil-galbu. Għall-kuntrarju, Ronnie kien fuq ruħu u avventuruż, imma traskurat u mal-istudju qatt ma tħabbeb. Għal din il-ħarġa t-tnejn kienu ħerqanin, Samantha għax kienet tħobb il-fjuri

u l-ambjent naturali, u Ronnie għax hemmhekk kien se jsib fejn jilgħab, jiġri u jixxabbat.

Ronnie ma damx ma kien barra jistenna ħdejn oħtu u, sadattant, jinbex lil Sandy. Il-papà niżel ftit wara u mar dritt fil-garaxx. Sakemm waslet il-mamà laħaq ħareġ il-karozza u għabbew fil-luggage booth is-sandwiches u l-luminata li l-mamà kienet ippreparat. U lanqas ma naqas it-termos bil-kafè għal min jippreferi xarba sħuna. Imbagħad irħewlha għal Kennedy Grove — il-papà jsuq, il-mamà maġenbu u t-tfal fuq wara.